IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum 13 ta' Jannar, 2025

Rikors numru: BCT/49/2025

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Paul Vella

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell li permezz tieghu l-appellanti ikkontesta id-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 13 ta' Gunju, 2025 fejn permezz taghha l-Awtorita` intimata imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' hames mitt euro (€500) u dana in vista ta' nuqqas ta' tindif tas-sit, tal-passagg pubbliku quddiem is-sit, bankini, toroq u zoni pubblici fil-vicinanza tas-sit bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidarja 623.08 fis-16 ta' Gunju, 2025 (sic) (indikata bhala data tal-ksur ta' dawn ir-Regolamenti).

Illi permezz tal-appell taghha l-appellanti jikkontendi li:

"Illi preliminarjament id-decizjoni appellata hija irrita u nulla in kwantu hija datata 13 ta' Gunju, 2025 u tirreferi ghal allegat ksur tar-regolamenti datat 16 ta' Gunju, 2025
Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess ma jissussistux l-elementi kostitutivi tal-infrazzjoni allegata u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-appell

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita` appellata qeghda umilment tissottometti li kwakunkwe decizjoni mehuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
2. *Illi rigwardanti id-data tal-Avviz tal-Penali mibghuta mill-Awtorita`jidher car li data hekk kif interposta taqa' fir-renju tal-'lapsus calami' u dan stante li l-ksur huwa allegat li sehh nhar is-16 ta'Gunju, 2025*
3. *Illi in sostenn tad-decizjoni l-Awtorita` qieghda tannetti, trail of event immarkat bhala Dok BCA1 u ritratti, mmarkati bhala Dok BCA2;*
4. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qieghda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra t-trail of events u r-ritratti ezebiti mill-Awtorita`.

Rat l-affidavit ta' Paul Vella.

Sema' x-xhieda ta' Nick Grima waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru, 2025 meta l-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi.

Ra li fid-9 ta' Dicembru, 2025 l-appell gie differit ghal-lum ghas-sentenza gjaladarba ma tressqet ebda nota t'ostakolu ghall-istess.

Ikkunsidra

Illi permezz tal-ewwel aggravju tieghu l-appellanti jikkontendi li d-decizjoni hija nulla in kwantu id-data tad-decizjoni hija addirittura antecedenti ghad-data tal-allegat ksur. L-Awtorita`tiddefendi ruhha minn dan l-aggravvju billi tikkontendi li dan huwa manifestament rizultat ta' *lapsus calami*.

It-Tribunal jaqbel mal-Awtorita`. Huwa evidenti li d-decizjoni appellata ma setghetx tinhareg fir-rigward ta' ksur tal-ligi li kien ghadu jrid isehh. It-Tribunal fela t-Trail of Events ezebit mill-Awtorita` u kkonfermat bil-gurament mill-ufficjal tal-Awtorita` Nick Grima minn fejn jirrizulta car li l-ewwel darba li l-ufficjal innota nuqqasijiet fis-sit, inkluz dak mertu tad-decizjoni appellata, kien fit-13 ta' Gunju, 2025 filwaqt li l-penali inharget fis-16 ta' Gunju, 2025. It-Tribunal jifhem allura li d-data tad-decizjoni huwa indikat inkorrettament fuqha peress illi din effettivament inharget fis-16 ta'Gunju, 2025. Ir-ritratti mehudin mill-ufficjal ittiehdu fit-13 ta' Gunju, 2025 fis-17 ta' Gunju, 2025 u fis-26 ta' Gunju, 2025 kif indikat fuqhom stess. Allura t-Tribunal ghandu prova ta' dak li kien hemm fis-sit f'dawn id-dati biss.

Illi l-appellanti ma jilmentax minn xi pregudizzju rekat lilu b'dan l-izball min-naha tal-Awtorita` la tramite l-appell tieghu u lanqas tramile l-affidavit. Fil-fatt jirrizulta kemm mill-istess appell u kif ukoll mill-affidavit tal-appellanti li dan il-*lapsus calami* fid-data tad-decizjoni ma waqqafx lill-istess appellanti milli jiddefendi ruhu anke fil-mertu mill-akkuzi dedotta kontrih. Ghaldaqstant dan l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi, fil-fatt, permezz ta-tieni aggravju tieghu, l-appellanti jikkontendi li ma jissussistux l-elementi kostitutivi tal-infrazzjoni allegata. Permezz tal-affidavit tieghu, l-appellanti jistqarr:

3. (d)ak li l-Awtorita`qed issejjah bhala bankina, m'hi bankina xejn ghaliex jikkostitwixxi saqaf ta' culvert minn fejn jghaddi s-servizzi tal-Enemalta. Tali culvert huwa proprjeta` privata u m'hemm ebda passagg pubbliku, bankini, toroq jew zoni pubblici.
4. It-Triq u l-bankina ghadhom ma sarux u din hija kompetenza tal-awtoritajiet pubblici mhux tal-privat.
5. Il-blokka in kwistjoni hija mdawwra bl-ghelieqi u ghalhekk ma jista' jinholoq l-ebda inkonvenjent lil hadd

It-Tribunal jaghmel referenza ghad-disposizzjonijiet relevanti tal-LS 623.08 senjatament l-art. 6 tal-Ewwel Skeda li jipprovdi testwalment:

> *Is-segwenti faċilitajiet u miżuri adegwati għandhom jittieħdu sabiex jiżguraw li* ***s-sit u l-prossimità immedjata tiegħu*** *jinżammu ndaf:*
> *(a) kwalunkwe skart jew debris għandu jinżamm fuq is-sit* ***u jintrema ġo reċipjenti magħluqa ta' l-iskart sabiex jiġi evitat li dawn jinfirxu barra mis-sit għal ġo kwalunkwe żona pubblika*** *bir-riħ, xita jew xi movimenti oħra relatati mal-proċess tax-xogħlijiet;*
> *(b) ix-xogħlijiet m'għandhom joħolqu l-ebda rimi ta' prodotti tat-tindif, żebgħa, żjut, materjal ieħor li jniġġeż, jew skart perikoluż fis-siti pubbliċi jew fis-sistemi ta' drenaġġ jew fil-baħar;*
> ***(ċ) tindif immedjat ta' materjal relatat max-xogħlijiet li seta' waqa jew tniġġiż;***
> *(d) knis, ħasil jew tneħħija bil-vacuum ta' trab mit-triq;*
> *(e) pits fejn isir il-ħasil, miksers tal-konkos jew tjun u postijiet li jżommu l-kimika għandhom jiġu lokalizzati 'l bogħod minn sistemi ta' drenaġġ u kanali tal-ilma jew proprjetàta' terzi; u*
> *(f) qabel kwalunkwe moviment ta' vetturi mis-sit ta' kostruzzjoni għal fuq kwalunkwe żona pubblika, dawn għandu jkollhom ir-roti maħsulin minn kull ħmieġ, trab jew xi materjalieħor li jista' jinġarr fuq żona pubblika u jaqa' fuqha.*

It-Tribunal issottolinea partijiet mid-disposizzjoni relevanti li jindikaw bl-aktar mod car li mhux biss l-ispirtu imma wkoll it-test tal-ligi huwa intiz biex jizgura indafa kemm fis-sit u kif ukoll fil-prossimita`immedjata tieghu. Ix-xhieda ta' Nick Grima u wkoll it-Trail of Events u r-ritratti ezebiti mill-Awtorita` jikkonfermaw lilhinn minn kull dubbju li s-sit spezzjonat mill-ufficjal kien fi prossimita` imeddjata tas-sit tal-kostruzzjoni u allura id-deskrizzjoni taz-zona attigwa ghas-sit ta' kostruzzjoni bhala "*passagg pubbliku quddiem is-sit, bankini, toroq u zona pubblici fil-vicinanza tas-sit*" hija fil-verita` superfluwa u irrelevanti ai fini tan-nuqqas ravvizat gjaladarba dak li kellu jigi stabilit kien illi z-zona kienet, appuntu, attigwa ghas-sit ta'kostruzzjoni u accessibbli ghall-pubbliku.

It-Tribunal fela r-ritratti u fehem illi sabiex l-ufficjal acceda ghaz-zona li fiha allegatament sab l-iskart tal-kostruzzjoni li jidher fir-ritratti acceda, appuntu minn quddiem is-sit ta' kostruzzjoni, fejn tidher vettura ipparkjata u sab hemm ghamla ta' bankina (dejjem lilhinn mic-

cint estern tas-sit). Ghandu jigi nutat li hija l-ligi stess li tehtieg li quddiem is-sit jinzamm passagg ghall-pubbliku (f'dan is-sens *l-klijent għandu jiżgura li jkun hemm passaġġ sigur quddiem is-sit* Regolament 7 tat-Tieni Skeda tal-LS 623.08). Mir-ritratti jirrizulta pruvat li z-zona indikata fir-ritratti hija effettivament wahda miftuha ghall-pubbliku, tant illi l-ufficjal tal-Awtorita`, kif xehed, accedda ghaliha minghajr ebda ostaklu. Il-ftuh o meno taz-zona spezjonata bhala triq ufficjali ghal pubbliku hija ghal kollox irrelevanti ghat-Tribunal gjaladarba din hija zona attigwa u pubblika mas-sit ta' kostruzzjoni li, irrispettivament mid-deskrizzjoni taghha bhala triq miftuha jew xort'ohra, hija zona miftuha u accessibbli ghal kulhadd li l-applikant kellu jizgura li tinzamm nadifa. Jigi nutat illi l-ligi sahansita tehtieg li skart tal-kostruzzjoni jintrema'f'recipjenti appoziti maghluqa sabiex jigi evitat it-tifrix tieghu f'zoni, *multo magis*, zoni pubblici prossimi ghall-kostruzzjoni. Il-ligi tehtieg ukoll li s-sit stess u wkoll il-prossimita` immedjata tieghu jigi mnaddaf minnufih.

Madanakollu dan mhuwiex l-uniku element li l-Awtorita` kien jehtigilha tipprova biex tiddefendi d-decizjoni appellata. Kif diga` jinsab nutat, l-Awtorita` prezentat sett ta'ritratti datati 13 ta' Gunju, 2025 li pero` mhijiex id-data tal-allegat ksur tar-regolament skont is-sentenza. Prezentat ukoll zewg ritratti datati 17 ta' Gunju, 2025 (oltre ritratt iehor datat 26 ta' Gunju, 2025) fejn pero`, wara li t-Tribunal flihom sewwa, dawn tal-ahhar ma juru l-ebda aspett li jista' jigi kkunsidrat bhala skart imholli lilhinn mis-sit fid-data tas-16 ta' Gunju, 2025. Jekk fir-ritratti mehudin fit-13 ta' Gunju, 2025 jidhru bricks u skart iehor mormi fiz-zona msemmija, iz-zewg ritratti datati 17 ta' Gunju, 2025 jindikaw biss zona zghira bejn id-dhul ghall-izvilupp u l-hajt estern li fihom ma jidhrux la l-bricks u lanqas xi hmieg iehor konsiderevoli – lilhinn minn dak li wiehed jippretendi li jsib minnufih barra sit ta' kostruzzjoni anke wara li jsir it-tindif mehtieg. Huwa minnu li fuq tali bankina jidhru zewg planki tal-injam imma dawn jidhru li tqieghdu hemm ghas-sigurta` bhala passagg pedonali fuq il-*culvert* li jirreferi ghalih l-appellanti fl-affidavit tieghu. Ghaldaqstant it-Tribunal ma jistax ma jsibx li l-Awtorita` ma ressqitx provi sufficjenti li jistghu jwaslu ghall-konvinciment morali tat-Tribunal li dik iz-zona thalliet mahmuga, bi skart ta' kostruzzjoni jew xort' ohra, *multo magis* fil-jum tas-16 ta' Gunju, 2025 li, fir-rigward tieghu ma tressqu l-ebda ritratti. It-Tribunal ma nghata ebda prova ta' x'kien hemm fis-sit fis-16 ta' Gunju, 2025 u r-ritratti mehudin gurnata wara, ossija fis-17 ta'Gunju, 2025, ma jaghtu ebda konfort lill-posizzjoni tal-Awtorita` - appuntu ghax ir-ritratti ma jurux skart, hmieg jew debris iehor relevanti, li jista' jindika nuqqas ta' tindif u li jimmerita l-hrug tad-decizjoni u l-penali.

Fic-cirkostanzi it-Tribunal isib li t-tieni aggravvju tal-appellanti jimmerita li jigi milqugh.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jichad l-ewwel aggravju tal-appellanti, jilqa' t-tieni aggravvju kif imfisser hawn fuq u kwindi jirrevoka u jhassar is-sentenza appellata.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sarsero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru